# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023.

**Kawża Nru. 13**

**Rik. Nru. 18/2023 ISB**

**Frank Portelli (Karta tal-Identità ta' Malta 0514744M) ġja azzjonist u ġja direttur tas-soċjetà Medicaid Limited (C 5283)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrent **Frank Portelli**, intavolat fid-9 ta' Marzu 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

*I. Jerġa minnufih idaħħal l-isem tas-soċjeta' Medicaid Limited (C 5283) fir-Reġistru tal-Kumpaniji sabiex b'hekk l-istess soċjeta' titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma ġietx imħassra; u*

*II. Jagħmel dawk il-pubblikazzjonijiet u annotazzjonijiet u jieħu dawk il-miżuri kollha meħtiega a tenur tal-Liġijiet relattivi għal tali inserzjoni fir-Reġistru tal-Kumpaniji skont il-liġi.*

U dan wara li ppremetta:

1. *Illi l-esponent huwa azzjonist u sid aħħari tas-soċjeta' Medicaid Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C 5283 u rreġistrata fl-indirizz St Philips Hospital, Sta Venera, Malta.*

2. *Illi l-esponent kellu għal bosta snin diversi problemi finanzjarji u anke riċentement minħabba l-eta' avvanzata tiegħu kien ġarrab problemi ta' saħħa;*

3. *Illi l-esponent ma ħax ħsieb tal-kumpanija in kwistjoni minkejja t-tfakkiriet mingħand ir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta (MBR), bir-riżultat li ma rregolarizzax il-pożizzjoni tal-kumpanija magħhom. Illi minkejja n-numru ta' tfakkiriet mir-Reġistru, dawn l-ittri kienu qed jiġu mibgħuta fl-indirizz tas-'St. Philips Hospital' u illi l-esponent ma kellux aċċess għalih u b'hekk qatt ma ġie uffiċjalment infurmat li l-kumpanija hija inadempjenti;*

4. *Illi b'hekk, fit-tletin (30) ta' Ġunju 2020, il-kumpanija Medicaid Limited ġiet imneħħija mir-Reġistru tan-Negozji ta' Malta bħala defunta. Illi ritratt tad-dettalji disponibbli fuq is-sit tar-Reġistru tan-Negozji ta' Malta dwar il-kumpanija, li juru wkoll l-istatus tagħha, qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***Dok. A****;*

5. *Illi l-esponent sar jaf dwar din is-sitwazzjoni fis-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u irrikorra għand professjonalisti sabiex jirregola ruħu;*

6. *Illi l-esponent issottometta l-kontijiet annwali ta' kull sena mis-sena elfejn u sittax (2016) sas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021); kopja tal-konferma ta' riċevuta mill-MBR qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***Dok. B****;*

7. *Illi fl-istess waqt l-esponent issottometta l-prospetti annwali ta' kull sena mis-sena elfejn u għaxra (2010) sas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021); kopja tal-konferma ta' riċevuta u tal-ħlas tal-ammonti dovuti f'rigward kull sottomissjoni qed jiġu annessi u mmarkati bħala* ***Dok. Ċ****;*

8. *Illi l-esponent, mas-sottomissjoni tal-prospetti annwali kif dikjarat hawn fuq, ħallas ukoll il-penali dovuta lir-Reġistru bl-ammont totali ta' €9,060.00. Illi kopja tal-konferma tal-ħlas tal-penali datata 1 ta' Frar 2023 qed tiġi annessa u mmarkata bħala* ***Dok. D****;*

9. *Illi l-esponent huwa dispost li jieħu kwalunkwe azzjoni meħtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni;*

10. *Illi l-esponent Frank Portelli qiegħed jikkonferma lil din l-Onorabbli Qorti li jekk jonqos xi arretrati oħra dovuti, hu jħallas l-ammont dovut fit-totalità tiegħu sabiex jitneħħa x-xoljiment u l-istralċ tas-soċjeta' Medicaid Limited;*

11. *Illi jekk is-soċjeta' Medicaid Limited ma terġax titqiegħed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji, l-esponent ser isofri danni irreparabbli billi ha tippreġudika serjament u b'mod irremedjabbli l-operat tas-soċjeta'.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 23).

Rat **id-digriet** tagħha tal-20 ta' Marzu 2023 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tad-19 ta' Mejju 2023 fil-11:30 a.m.

Rat illi fit-18 ta' April 2023, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 28) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Medicaid Limited (C 5283) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-12 ta' Diċembru 1980;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali li kien ġie sottomess kien dak relatat mas-sena 2009 filwaqt illi l-aħħar kont annwali illi kien ġie sottomess kien dak tas-sena 2005;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur bagħtet ittra biex tinforma lill-kumpanija li kien hemm bżonn tissottometti id-dokumenti neċessarji, iżda il-kumpanija qatt ma rrispondiet jew issottomettiet dak li kien qed jiġi rikjest lilha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur pproċediet u kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha sabiex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala* ***Dok. 'A'*** *l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur) fuq l-indirizz reġistrat tagħha, Medicaid Limited, St. Philips Hospital, Santa Venera, Malta, kif ukoll lill-uniku direttur tal-kumpanija fuq l-indirizz '304, St. Paul's Street, St. Paul's Bay, Malta, datati, 27 ta' Frar 2020;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra kemm lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur fuq l-istess indirizzi fit-30 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar Il-*

*Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-30 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir- Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni.*

*Illi l-ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal* **EUR 4,550***;*

*Illi di piu' il-penali fuq il-kontijiet annwali u prospetti annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal* **EUR 9,036** *u dawn ġew mħallsa***;**

*Illi f'dan ir-rigward, irid jiġi speċifikat illi l-kumpanija ħallset il-penali kollha u ssottomettiet il-maġġoranza tad-dokumenti u jonqos biss il-prospett annwali tas-sena 2022 u EUR 350 għar-reġistrazzjoni tagħha, kif ukoll il-kontijiet annwali tas-snin 2012-2015;*

*Illi għaldaqstant ir-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, deher l-Avukat Adrian Sciberras għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-7 ta' Lulju 2023, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjetà Medicaid Limited (C 5283) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, li huwa azzjonist u direttur tal-kumpanija **Medicaid Limited (C 5283)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-30 ta' Ġunju 2020.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandu interess li l-kumpanija tibqa' operattiva u kien biss minħabba raġunijiet ta' finanzi u saħħa li waqa' lura fis-sottomissjonijiet tiegħu.

Illi r-rikorrent iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors promotur, illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Medicaid Limited (C 5283) u fil-fatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jkun f'pożizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

## Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Medicaid Limited (C 5283) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent

hekk għamel minnufih tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa fl-ewwel seduta effettiva illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Medicaid Limited (C 5283)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Medicaid Limited (C 5283)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Medicaid Limited (C 5283)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**